LIAM CASSAR, employee, 32 years, son of Joseph and Rose née Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, on the 16th October, 1989, residing at Flat 5, Shistle Court, Triq Angelo Psaila, Paola, and holder of Maltese identity card bearing number 477589M.

The Court AUTHORISED the accused LIAM CASSAR to receive any pay, salary or any other legitimate income in the account listed on his name ending in -0954 and held at Papaya Ltd. The accused is authorized to withdraw from this account the amount as permitted by law which does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per each calendar year from when the seizing and freezing order was issued. Any other amount of money deposited into this account which goes beyond the statutory amount listed above shall remain deposited in the mentioned account and affected by the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the

Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit, LLD) fil-25 ta' Ġunju, 2022, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-1 ta' Lulju, 2022, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' LIAM CASSAR.

Illum, 5 ta' Settembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Laws of Malta and Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Claire L. Stafrace Zammit, LLD) on the 25th June, 2022, which was published in the Government Gazette on the 1st July, 2022, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to LIAM CASSAR.

Today, 5th September, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1541

ARB/C003/2019 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Settembru, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dr Doreen Clarke, LLD). Kumpilazzjoni Numru 26/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Anthony Scerri)
(is-Supretendent Frank Anthony Tabone)

Kontra

JOSEF MAHOUACHI, ta' 29 sena, bin Faycal u Doreen xebba Galea, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-26 ta' Awissu, 1993, residenti ġewwa numru 1, Triq Giacomo Matteotti, Il-Fgura, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 390693M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat JOSEF MAHOUACHI sabiex jiftaħ kont bankarju f'liema kont għandu jiddepożita l-introjtu kollu tiegħu. L-imputat se jkun awtorizzat illi jiżbanka sal-ammont massimu hekk kif permess bil-liġi ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena minn dan il-kont tal-bank. Illi kull ammont li jeċċedi dan l-imsemmi ammont għandu jkun suġġett għall-ordni tal-iffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Neville Camilleri, LLD), fit-13 ta' Jannar, 2019 li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-18 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew

ARB/C003/2019 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th September, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Doreen Clarke, LLD). Compilation Number 26/2019, in the case:

The Police
(Inspector Anthony Scerri)
(Superintendent Frank Anthony Tabone)

Versus

JOSEF MAHOUACHI, 29 years, son of Faycal and Doreen née Galea, born in Pietà, Malta on the 26th of August, 1993, residing at number 1, Giacomo Matteotti Street, Fgura, and holder of Maltese identity card bearing number 390693M.

The Court AUTHORISED the accused JOSEF MAHOUACHI to open a bank account wherein this bank account he shall deposit all his income. The accused shall be authorized to withdraw up to the maximum amount as allowed by law of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year from this bank account. Any other amount exceeding the mentioned amount shall be subject to the freezing order.

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Neville Camilleri, LLD), on the 13th January, 2019, which was published in the Government Gazette on the 18th January, 2019, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all

immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' JOSEF MAHOUACHI.

Illum, 5 ta' Settembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to JOSEF MAHOUACHI.

Today, 5th September, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1542

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-2 ta' Settembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3550/2022, fl-ismijiet Avukat Dr Peter Fenech noe vs Airbnb Ireland Inc, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-kumpanija Airbnb Ireland Inc a tenur tal-Artikolu 891 tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 23 ta' Awwissu, 2022

Lil

Airbnb Ireland Inc (Kumpanija registrata Dublin, l-Irlanda bin-numru ta' reġisrazzjoni D01 H104)

Permezz tal-preżenti l-Avukat Peter Fenech (KI 67468M) bħala mandatarju speċjali ta' Sandra Bermingham (passaport tar-Renju Unit bin-numru GBR 529482686) ta' 5a Camrose Place, Glenfied Auckland 0629, New Zealand, f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri … omissis … u … omissis … Bermingham, filwaqt li jagħmel referenza għall-mewt tar-raġel tagħha Paul Bermingham, li seħħet fl-14 ta' Jannar, 2016, ġewwa r-Renju Unit, ikkaġunata minn Legionella Pneumonia li ġiet trażmessa lilu minn ilma kkontaminat fil-jacuzzi tal-farmhouse sitwata fi Triq Santa Katarina, Sqaq 4, Ix-Xewkija, Għawdex, fejn kien alloġġjat mill-24 ta' Diċembru, 2015 sat-2 ta' Jannar, 2016, jinterpellak sabiex taddevjeni għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minn Sandra Bermingham u wliedha kawża ta' dan.

F'każ illi tonqos milli tagħmel dan fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi din l-ittra ma jibqax triq oħra għajr illi jittieħdu l-proċeduri legali opportuni kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor, spejjeż ta' liema proċeduri jkunu unikament a kariku tiegħek.

Din l-interpellazzjoni qiegħda ssir ukoll sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2107 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Tant sabiex tagħraf timxi

Mittenti,36, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

By means of a decree of the 2nd September, 2022, in the records of the judicial letter number 3550/2022 in the names Advocate Dr Peter Fenech noe vs Airbnb Ireland Inc, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent company Airbnb Ireland Inc in terms of Article 891 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court

Today 23rd August, 2022

To

Airbnb Ireland Inc (company registered in Dublin, Ireland with registration number D01 H104)

By means of this present Advocate Dr Peter Fenech (ID 67468M) as special mandatory of Sandra Bermingham (UK passport number GBR 529482686) residing at 5a, Camrose Place, Glenfield Auckland 0629, New Zealand, in her own name and on behalf of her minor children … omissis … and … omissis …, while making reference to the death of her husband Paul Bermingham, which occurred on the 14th January 2016 in the United Kingdom, caused by Legionella Pneumonia infection he contracted from contaminated water in the farmhouse jacuzzi located in Santa Katarina Street Alley 4, Xewkija, Gozo, where he was residing between 24th December 2015 and 2nd January 2016, summons you to come forward for the liquidation of damages suffered by his wife and children as a result.

In the event that you fail to do so within one week from receipt of this letter, legal proceedings will be taken against you without further notification, at your own costs.

This letter is also being sent to interrupt presciption in terms of articles 2107 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of malta.

With costs

For your guidance and with costs

Sender: 36, Triq l-Arċisqof, Valletta

Intimati,Airbnb Ireland UC, 25/28, North Wall Quay, Dublin 1, D01 H104, Ireland

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Receiver: Airbnb Ireland UC, 25/28 North Wall Quay, Dublin 1, D01 H104, Ireland

Registry of the Superior Courts today 5th September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1543

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Lulju, 2022, fl-atti tar-Rikors numru 33/2022 fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Carmen Rose Miggiani u l-istess Carmen Rose Miggiani vs Kenneth Albert Edward Bedingfield ordnat is-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-appell ta' GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmen Rose Miggiani u l-istess Carmen Rose Miggiani l-appellanti qed jinterponu appell minn deċiżjoni mogħtija nhar is-6 ta' April, 2022, mill-arbitru inkarigat mic-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, fejn intlaqgħu limitatament it-talbiet tar-rikorrenti, billi l-intimat, Kenneth Albert Edward George Bedingfield instab responsabbli għall-inċident stradali fi grad ta' żewġ terzi (2/3) u ġie kkundannat li jħallas l-ammont ta' €3919.77 (li jinkludi €50.00 excess) bl-imgħaxijiet mill-preżentat tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Mejju, 2021, numru 1044/2021 u l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri li għandhom jiġu soppartati inkwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-intimat appellat u terz (1/3) mir-rikorrenti.

Illi l-esponenti ħassew ruħhom aggravati b'din id-deċiżjoni kif spjegat fl-imsemmi rikors tal-appell.

Għaldaqstant, l-appellanti, filwaqt illi jagħmlu referenza għall-provi kollha prodotti u jirriżervaw illi jġibu provi ulterjuri ammissibbli skont il-liġi, jitlobu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta fis-6 ta' April, 2022, fl-ismijiet premessi u minflok issib lill-intimat Kenneth Albert Edward George Bedingfield unikament u kompletament responsabbli għall-incident de quo, u tikkundannah iħallas l-ammont ta' €5879.66 bl-imghaxjiet mid-data tal-Ittra Uffiċjali datata 15 ta' Mejju, 2021, numru 1044/2021 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat, Kenneth Albert Edward George Bedingfield.

Ir-Rikors tal-Appell numru 33/2022 fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited (C3143) et vs Kenneth Albert Edward Bedingfield jinsab ddiferit għall-erbatax (14) ta' Settembru, 2022, fl-10.40 a.m.

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) on 27th July, 2022, in the records of Appeal Application number 33/2022 in the names GasanMamo Insurance Limited (C3143) as subrogated in the rights of its insured Carmen Rose Miggiani and the same Carmen Rose Miggiani vs Kenneth Albert Edward Bedingfield ordered the following publication pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an application of appeal by GasanMamo Insurance Limited (C 3143) as subrogated in the rights of its insured Carmen Rose Miggiani and the same Carmen Rose Miggiani the appellants have filed an appeal from a decision given on the 6 April 2022 by the arbitrator appointed by the Malta Arbitration Centre, wherein the appellants' claims were limitedly upheld, as the respondent, Kenneth Albert Edward George Bedingfield was found responsible for the road accident in the proportion of two thirds (2/3) and was sentenced to pay the amount of €3919.77 (which included €50.00 excess) with interest from the filing of the judicial letter dated 15th May, 2021, number 1044/2021 and the costs of these procedures which must be borne in proportion to two thirds (2/3) by the respondent appealed and one third (1/3) by the claimant.

Whereas the exponents felt aggrieved by this decision as expounded in the said appeal application.

Therefore, the appellants, while making reference to all the evidence produced and reserve to adduce further evidence admissible according to the law, respectfully request that this Honourable Court revokes the decision given by the Malta Arbitration Center on 6th April, 2022, in the aforementioned names and instead find the respondent Kenneth Albert Edward George Bedingfield solely and completely responsible for the incident de quo, and condemns him to pay the amount of €5879.66 with interest from the date of the Judicial Letter dated 15th May, 2021, number 1044/2021 with the costs of both instances against the same respondent, Kenneth Albert Edward George Bedingfield.

Appeal Application number 33/2022 in the names GasanMamo Insurance Limited (C3143) et vs Kenneth Albert Edward Bedingfield is deferred to the fourteenth (14) of September, 2022, at 10.40 a.m.

Notifika: i) Kenneth Albert Edward Bedingfield 3, ll-Girbeġ, Flat 1, Triq Vinċenz Fenech, Birżebbuġa

ii) Dr Joseph Refalo, ll-Qorti, Il-Belt Valletta; Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, 33, Triq in-Nofsinhar, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), illum 5 ta' Settembru, 2022

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: i) Kenneth Albert Edward Bedingfield 3, ll-Girbeġ, Flat 1, Triq Vinċenz Fenech, Birżebbuġa

ii) Dr Joseph Refalo, Law Courts, Valletta; Maltese Arbitration Centre, 33, Triq in-Nofsinhar, Valletta

Registry of the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 5th September, 2022

DR FRANCO BONDIN LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1544

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Charmaine Debono vs Darren Debono, Rikors numru 79/2022AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Darren Debono a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Ġuramentat numru 79/2022AGV fl-ismijiet Charmaine Debono vs Darren Debono, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-12 ta' April, 2022, ir-rikorrenti Charmaine Debono (KI 406976M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħaba vjolenza, eċċessi, minaċċi, sevizzi, theddid u offiżi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qligħ tiegħu mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu jew minn pensjoni illi qed jiriċievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsijasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;

3. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi bolol dovuti għal perjodu li hija ma kinetx qed taħdem sabiex tirċievi pensjoni adegwata;

4. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in part d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti qabel il-pubblikazzjoni tal-waqfien tal-

By means of a decree of the 2nd June, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Charmaine Debono vs Darren Debono, Application number 79/2022AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Darren Debono in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of Sworn Application number 79/2022AGV in the names Charmaine Debono vs Darren Debono, filed in the Civil Court (Family Section), on the 12th April, 2022, the applicant Charmaine Debono (ID 406976M) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the personal separation between the parties due to violence, excesses, threats, cruelty, serious injury and serious offences committed by the respondent against the applicant and consequently authorise the applicant to live separately from the respondent;

2. Liquidate an adequate amount of maintenance that should be payable by the respondent to the applicant and order that this maintenance be deducted directly from his salary or earnings from the job or work that he has or from a pension that he is receiving and provides the modalities of how the same maintenance should be reviewed and increased every year to reflect the increase in the cost of living while declaring that the defendant has waived any right to request or receive maintenance from the applicant;

3. Order the defendant to pay the plaintiff the payment due for the period when she was not working in order for her to receive an adequate pension;

4. Order that the respondent has lost his conjugal rights as contemplated in Article 48 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta and apply against him in whole or in part the provisions of articles 48, 51 to 55 of Cap. 16 of the Laws of Malta;

5. Liquidate the community of acquests existing between the parties before the publication of the cessation of the

komunjoni fl-atti tan-Nutar Dr Daniel John Buttigieg, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

6. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha u dan fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali konumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

8. Tawtorizza tgħix fid-dar matrimonjali 10, Suzuki, Triq il-Kulleġġ, Il-Mosta, ad esklużjoni tal-konvenut;

9. Tawotrizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u mgħaxijiet kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 22, Triq l-Armier iż-Żgħira, L-Armier, limits of Mellieħa

Notifika: 10, Suzuki, Triq il-Kulleġġ, Il-Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Charmaine Debono vs Darren Debono, Rikors numru 79/2022AGV, jinsab differit għad-29 ta' Settembru, 2022, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

community of acquests in the records of Notary Dr Daniel John Buttigieg, liquidate the same community and order that the same objects forming part of the community of acquests be divided into two portions including the items as ordered and established by this Court, which portions are to be assigned one to the applicant and the other to the respondent, and this by means of nominated architect and by appointing a notary to receive the relative deed and a curator to represent the eventual contumacious on the same deed;

6. Declare what are the moveable and immovable dowry and/or paraphernal property of the applicant as they result during the hearing of the case while ordering and condemning the respondent to return to the applicant such dowry and/or paraphernal property and this in a short and peremptory time that shall be fixed by this Honourable Court;

7. Appoint a curator to represent the respondent in his eventual appearance on the deed of division at a day, time and place established by this Honourable Court;

8. Authorises her to live in the matrimonial house, 10, Suzuki, Triq il-Kulleġġ, Mosta, to the exclusion of the respondent;

9. Authorises the applicant to register in the Public Registry of Malta the eventual judgement given by this Honourable Court.

With costs and interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 22, Triq l-Armier iż-Żgħira, Armier, limits of Mellieħa

Notification: 10, Suzuki, Triq il-Kulleġġ, Mosta

The Application in the names Charmaine Debono vs Darren Debono, Application number 79/2022AGV, has been postponed for hearing to the 29th September, 2022, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1545

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Divorzju fl-ismijiet Marica Bezzina vs Jesmond Grech, Rikors numru 241/2022AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jesmond Grech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 2nd June, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Divorce Application in the names Marica Bezzina vs Jesmond Grech, Application number 241/2022AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jesmond Grech in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

Permezz ta' Rikors Divorzju fl-ismijiet Marica Bezzina (KI 443071M) vs Jesmond Grech (KI 270067M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fis-6 ta' Mejju, 2022, ir-rikorrenti Marica Bezzina (KI 1443071M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħalla taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partjiet.

U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rikorrenti: 6, Jumanji, Triq Tommy Agius Ferrante, L-Imtarfa

Notifika: 98, Triq Sir Frederick C. Ponsonby, Il-Gżira

Ir-rikors fl-ismijiet Marica Bezzina vs Jesmond Grech, Rikors numru 241/2022AGV, jinsab differit għad-29 ta' Settembru, 2022, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a Sworn Application in the names Marica Bezzina (ID 443071M) vs Jesmond Grech (ID 270067M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 6th May, 2022, the applicant Marica Bezzina (ID 443071M) requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the dissolution of the marriage between the parties in terms of Article 66B of Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time allowed by this Court informs the Director Public Registry of the dissolution of the marriage between the parties so that the latter shall register the same marriage certificate of the parties.

And this under all those provisions that it deems fit and opportune.

Applicant: 6, Jumanji, Triq Tommy Agius Ferrante, Mtarfa

Notification: 98, Triq Sir Frederick C. Ponsonby, Gżira

The Application in the names Marica Bezzina vs Jesmond Grech, Application number 241/2022AGV, has been postponed for hearing to the 29th September, 2022, at 9.45 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1546

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Joseph Pace vs Jessica Pace, Rikors numru 89/2022AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Jessica Pace a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet Joseph Pace (KI 423287M) vs Jessica Pace (KI 564693M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-2 ta' Mejju 2022, ir-rikorrenti Joseph Pace (KI 423287M) bil-ġurament talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-ħajja konjugali tal-kontendenti tkissret irriparabbilment minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tiddikjara u tippronunzja l-firda personali tal-partijiet;

By means of a decree of the 2nd June, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Joseph Pace vs Jessica Pace, Application number 89/2022AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jessica Pace in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of a sworn application in the names Joseph Pace (ID 423287M) vs Jessica Pace (ID 564693M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 2nd May 2022, the applicant Joseph Pace (ID 423287M) on oath requested this Honourable Court to:

1. Declare that the conjugal life of the parties had irreparably broken down due to reasons imputable to the respondent;

2. Declare and pronounce the personal separation of the parties;

3. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta in toto jew in parte;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tornda li l-istess oġġetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'żewġ porzjonijiet kif jiġi stabbilit u ordnat minn din il-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tal-wild minuri … omissis … lill-esponenti bir-residenza tal-minuri tkun mal-attur b'aċċess f'ħinijiet u lok stabbiliti lill-konvenuta għall-istess minuri;

6. Tordna li waqt l-aċċess tal-konvenuta għall-minuri, il-minuri ma jkunx esponenti għal persuni li m'għandhomx kondotta nadifa;

7. Tordna li kull benefiċċju soċjali dovut fir-rigward tal-minuri jibda jitħallas lill-esponenti;

8. Tordna lill-konvenuta tissominstra retta alimentari, li tiġi minn din l-Onorabbli Qorti ffissata lill-esponenti sabiex tintuża għall-bżonnijiet tal-minuri, liema retta alimentari tiġi riveduta minn żmien għal żmien sabiex tieħu kont tal-għoli tal-ħajja hekk kif jiġi minn din l-Onorabbli Qorti deċiż.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Solitaire Court, Flat 1, Triq Emanuel Bejamin Vella, Birkirkara

Notifika: Michigan Apartments, Flat 2, Triq Nawċiera, Il-Qawra

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Pace vs Jessica Pace, Rikors numru 89/2022AGV, jinsab differit għad-29 ta' Settembru, 2022, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Apply against the respondent the effects of the provisions of articles 48, 51, 53 and 54 of Cap. 16 of the Laws of Malta in their entirety, or in part;

4. Declare dissolved the community of acquests existing between the parties and order that the same objects forming part of the same communion be divided into two portions as established and ordered by our Honourable Court, which portions are then assigned one to the applicant and one to the respondent, by means of nominated architects;

5. Entrusts the care and custody of the minor … omissis … to the applicant with the residence of the minor being with the applicant with access at times and place established to the respondent for the same minor;

6. Order that during the respondent's access to the minor, the minor will not be exposed to persons who do not have a clean conduct;

7. Order that any social benefit due in relation to the minor begins to be paid to the applicant;

8. Order the respondent to provide maintenance, which is set by this Honourable Court to the applicant to be used for the néeds of the minor, which alimony is reviewed from time to time to take account of the cost of living so as this Honourable Court decides.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: Solitaire Court, Flat 1, Triq Emanuel Benjamin Vella, Birkirkara.

Notification: Michigan Apartments Flat 2, Triq Nawċiera, Qawra

The Application in the names Joseph Pace vs Jessica Pace, Application number 89/2022AGV, has been postponed for hearing to the 29th September, 2022, at 9.30 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1547

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Awwissu, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet Karolina Dorota Kania vs Maxence Destoop, Rikors numru 131/2020AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Maxence

By means of a decree of the 9th August, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Karolina Dorota Kania vs Maxence Destoop, Sworn Application number 131/2020AL, the following publication was ordered for the purpose

Destoop a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a sworn application number 131/2020AL in the names Karolina Dorota Kania vs Maxence Destoop, filed in the Civil Court (Family Section), on the 10th May, 2022, the applicant Karolina Kania requested that in terms of Article 156(7) of Cap. 12 of the Laws of Malta this Honourable Court deems it is in the interest of justice to allow the hearing of the following witnesses (a) Dr Gilbert Mercieca as a representative of 'BioDNA Laboratory Services Ltd' and (b) Krystyna Pacura and this under any other condition which this Honourable Court deems fit and proper in such circumstance.

Civil Court (Family Section), Judge Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud. Rel., Mag. Jur (Eur. Law)

Sworn Application number 131/2020AL

The Court,

Having seen the application filed by Karolina Kania on the 10th May, 2022;

Orders that it be notified to the respondent who is to reply within five working days.

Today 12th May, 2022

Notification: L.A. Court, Flat 1, Triq il-Qrempuċ, Marsaskala

Ir-rikors fl-ismijiet Karolina Dorota Kania vs Maxence Destoop, Rikors numru 131/2020AL, jinsab differit għas-16 ta' Novembru, 2022, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of effecting service on the respondent Maxence Destoop in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of a sworn application number 131/2020AL in the names Karolina Dorota Kania vs Maxence Destoop, filed in the Civil Court (Family Section), on the 10th May, 2022, the applicant Karolina Kania requested that in terms of Article 156(7) of Cap. 12 of the Laws of Malta this Honourable Court deems it is in the interest of justice to allow the hearing of the following witnesses (a) Dr Gilbert Mercieca as a representative of 'BioDNA Laboratory Services Ltd' and (b) Krystyna Pacura and this under any other condition which this Honourable Court deems fit and proper in such circumstance.

Civil Court (Family Section), Judge Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud. Rel., Mag. Jur (Eur. Law)

Sworn Application No 131/2020AL

The Court,

Having seen the application filed by Karolina Kania on the 10th May, 2022;

Orders that it be notified to the respondent who is to reply within five working days.

Today 12th May, 2022

Notification: L.A. Court, Flat 1, Triq il-Qrempuċ, Marsaskala

The Application in the names Karolina Dorota Kania vs Maxence Destoop, Application number 131/2020AL, has been postponed for hearing to the 16th November, 2022, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1548

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Elizabeth Pace et vs Joseph Muscat et, Rikors numru 9/2022LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Joseph Muscat u Mary Rose Muscat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 11th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Elizabeth Pace et vs Joseph Muscat et, Application number 9/2022LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Joseph Muscat and Mary Rose Muscat in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Elizabeth Pace (KI 224144M), Roberta Oudi (KI 219672M) u Deborah Ann Buttigieg (KI 129565M) vs Joseph Muscat (KI 580160M) u Mary Rose Muscat (KI 708660M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-6 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrenti Elizabeth Pace (KI 224144M), Robert Oudi (KI 219672M) u Deborah Ann Buttigieg (KI 129565M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati Muscat qegħdin preżentement jokkupaw il-fond fl-indirizz 196, Triq il-Vittorja, Il-Ħamrun a tenur tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tal-Kiri tad-Djar (Kap.158 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimati Muscat skont kif stabbilit fir-Regolamenti Dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji tat-Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi f'każ li jirriżulta li l-intimati Muscat ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi li l-intimati jiġu permessi żmien ta' mhux aktar minn sentejn sabiex il-fond jiġi vakat, oltre li jħallsu kera pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu li għandha tiġi wkoll likwidata minn dan l-Onorabbli Bord f'tali każ jew;

4. Fin-nuqqas u f'każ li l-intimati Muscat jissodisfaw it-test tal-mezzi, jiddikjara u jiddeċiedi illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond surreferit mill-1 ta' Jannar, 2022, oltre li jigu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u tordna konsegwentement il-ħlas tal-istess kera bl-arretrati relattivi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Elizabeth Pace et, 16 Essen, Triq il-Birrerija, Il-Ħamrun

Intimati: Joseph u Mary Rose Muscat, 196 Triq il-Vittorja, Il-Ħamrun
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Elizabeth Pace et vs Joseph Muscat et, Rikors numru 9/2022LC, jinsab differit għad-19 ta' Settembru, 2022, fil-11.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names Elizabeth Pace (ID 224144M), Roberta Oudi (ID 219672M) and Deborah Ann Buttigieg (ID 129565M) vs Joseph Muscat (ID 580160M) and Mary Rose Muscat (ID 708660M) filed in the Rent Regulation Board, on the 6th January, 2022, the applicants Elizabeth Pace (ID 224144M), Roberta Oudi (ID 219672M) and Deborah Ann Buttigieg (ID 129565M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondents Muscat are presently occupying the premises 196, Triq il-Vittorja, Ħamrun, in terms of article 12B of the Housing (Decontrol) Ordinance (Cap. 158 of the Laws of Malta;

2. Order that the means test of the respondents Muscat be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Test Criteria) according to Article1622A of the Civil Code and any regulations that replace them;

3. Declare and decide that if it results that the respondents Muscat do not satisfy the criteria of the income and capital of the means test the respondents will be given not more than two years to vacate the premises, besides they pay the rent payable to the applicants for the occupation of the premises during the same period that has to be liquidated by the same Honourable Bord in such case; or

4. In default and in case the respondents do satisfy the criteria of the means test, declare and decide that the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the above mentioned premises and to establish new conditions regarding the lease and order consequently the payment of the relative rent arrears.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: Elizabeth Pace et, 16 Essen, Triq il-Birrerija, Ħamrun

Respondents: Joseph u Mary Rose Muscat, 196 Triq il-Vittorja, Ħamrun
Housing Authority

The application in the names Elizabeth Pace et vs Joseph Muscat et, Application number 9/2022LC, has been postponed for hearing to the 19th September, 2022, at 11.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1549

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mary Mangion et vs Mario Gatt et, Rikors numru 1132/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Mario Gatt u Shiela Gatt a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mary Mangion (KI 46646M), Brigitte Azzopardi (KI 117355M) u Eugenio Carabott (KI 283051M) vs Mario Gatt (KI 2181168M), Shiela Gatt (KI 1035755M) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-30 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Mary Mangion (KI 46646M), Brigitte Azzopardi (KI 117355M) u Eugenio Carabott (KI 283051M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Mario Gatt (KI 2181168M) u Shiela Gatt (KI 1035755M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021 li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja skont l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostituwhom.

2. Jiddikjara ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 30 qabel 86, Triq San Girgor, Iż-Żejtun, għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ;

3. Jordna u jikkundanna lill-intimati Mario Gatt (KI 2181168M) u Shiela Gatt (KI 1035755M) jibdew iħallsu din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

4. Jordna, f'każ li l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimati mill-fond sovra indikat fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa inġunti in subizzjoni.

Rikorrenti: Mary Mangion et Massabielle, Triq San Ġwann, Il-Fgura

Intimati: Mario Gatt, 30 Triq San Girgor, Iż-Żejtun
Shiela Gatt, 30, Triq San Girgor, Iż-Żejtun
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Mary Mangion et vs Mario Gatt et, Rikors numru 1132/2021LC, jinsab differit għas-7 ta' Ottubru, 2022, fl-10.30 a.m.

By means of a decree of the 14th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mary Mangion et vs Mario Gatt et, Application number 1132/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Mario Gatt and Sheila Gatt in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Mary Mangion (ID 46646M), Brigitte Azzopardi (ID 117355M) and Eugenio Carabott (ID 283051M) vs Mario Gatt (ID 2181168M), Shiela Gatt (ID 1035755M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 30th December, 2021, the applicants Mary Mangion (ID 46646M), Brigitte Azzopardi (ID 117355M) and Eugenio Carabott (ID 283051M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order that the means test of the respondents Mario Gatt (ID 2181168M) and Shiela Gatt (ID 1035755M), in terms of Act XXIV of 2021, be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies according to Article1622A of the Civil Code and any regulations that replace them;

2. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent of the premises 130 previously 86, Triq San Girgor, Żejtun, shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value and to establish new conditions regarding the lease if the case may be.

3. Order and condemn the respondents Mario Gatt (ID 2181168M) and Shiela Gatt (ID 1035755M) start to pay such increased rent in terms of Act XXIV of 2021, with effect from the date of the filing of this application;

4. Order that if the respondent does not satisfy the criteria of the income of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: Mary Mangion et Massabielle, Triq San Ġwann, Fgura

Respondents: Mario Gatt, 30 Triq San Girgor, Żejtun
Shiela Gatt,30, Triq San Girgor, Żejtun
Housing Authority

The application in the names Mary Mangion et vs Mario Gatt et, Application number 1132/2021LC, has been postponed for hearing to the 7th October, 2022, at 10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru. 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1550

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Lulju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Darmanin Footwear Limited vs Transmed Resources Development Limited, Rikors numru 310/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Transmed Resources Development Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 11th July, 2022 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Darmanin Footwear Limited vs Transmed Resources Development Limited, Application number 310/2022JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company Transmed Resources Development Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Darmanin Footwear Limited (C6082) vs Transmed Resources Development Ltd (C9726) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-8 ta' April, 2022, ir-rikorrenti Darmanin Footwear Limited talbet lil dan l-Onorabbli Bord u Michael Darmanin (KI 555382M) bil-ġurament tiegħu jikkonferma għaliex m'għandux:

By means of an application in the names Darmanin Footwear Limited (C6082) vs Transmed Resources Development Ltd (C9726) filed in the Rent Regulation Board, on the 8th April, 2022, the applicant Darmanin Footwear Limited requested with respect, and Michael Darmanin (ID 555382M) confirmed on oath, why this Honourable Board should not:

1. Jiddeċiedi t-talbiet hawn taħt bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

1. Proceed to decide this case without proceeding to trial in terms of Article 16A of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Konsegwentement jordna lis-soċjetà intimata sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss tivvaka u tiżgombra mill-fond kummerċjali f'14, Triq it-Torri, Tas-Sliema, li hija qiegħda tokkupa abbużivament u mingħajr ebda jedd legali, u tirrilaxxah liberu u vojt favur is-soċjetà esponenti rikorrenti u dan kollu ai termini tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini -Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Consequently order the respondent company so that within a short and peremptory time fixed by this Board, vacate and evict from the commercial premises 14, in Triq it-Torri, Tas-Sliema, that it is occupying abusively without any legal title, and leave it free and vacant in favour of the applicant company and all this in terms of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Cap. 69 of the Laws of Malta;

3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti attriċi esponenti is-somma ta' €45,248.42 rappreżentanti arretrati ta' kera dovuta u pagabbli sad-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors ġuramentat.

3. Condemn the respondent company to pay the applicant company the amount of €45,248,42 representing arrears of rent due and payable till the date of the filing of this sworn application.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata u bl-imgħaxijiet legali fir-rigward tal-kera dovuta kalkolati mid-dati tal-iskadenzi tal-kera sad-data tal-pagament effettiv u s-soċjetà intimata hija inġunta minn issa għas-subizzjoni.

With costs against the respondent company and with legal interest regarding the rent due calculated from the date of the when the rent installments were due till the date of effective payment, and the respondent company is from now summoned so that a reference to its oath be made.

B'riserva għal kull azzjoni oħra, inkluż għad-danni kompetenti lis-soċjetà esponenti rikorrenti skont il-liġi.

Reserving any other acting, including those for damages, by the applicant company according to law.

Rikorrenti: Gallarija Darmanin, Triq Dun Karm, L-Iklin IKL 9022

Applicant company: Gallarija Darmanin, Triq Dun Karm, Iklin IKL 9022

Notifika: Villa Mdina, Triq il-Ġwielaq, San Ġiljan

Ir-rikors fl-ismijiet Darmanin Footwear Limited vs Transmed Resources Development Limited, Rikors numru 310/2022JD, jinsab differit għall-15 ta' Settembru, 2022, fl-10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent company: Villa Mdina, Triq il-Ġwielaq, St Julian's

The application in the names Darmanin Footwear Limited vs Transmed Resources Development Limited, Application number 310/2022JD, has been postponed for hearing to the 15th September, 2022, at 10.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1551

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet John Gauci Maistre et vs Joseph Zarb et, Rikors numru 1152/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Zarb a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet John Gauci Maistre (KI 33448M) u martu Ann Marie Gauci Maistre (KI 372959M) vs Joseph Zarb (KI 715034M) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-30 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti John Gauci Maistre (KI 33448M) u martu Ann Marie Gauci Maistre (KI 372959M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Joseph Zarb (KI 715034M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021 li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja skont l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostituwhom.

2. Jiddikjara ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 11, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema, għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ;

3. Jordna u jikkundanna lill-intimat Joseph Zarb (KI 715034M) jibda jħallas it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

4. Jordna, f'każ li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond sovra indikat fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn.

By means of a decree of the 14th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names John Gauci Maistre et vs Joseph Zarb et, Application number 1152/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Zarb in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names John Gauci Maistre (ID 33448M) and his wife Ann Marie Gauci Maistre (ID 372959M) vs Joseph Zarb (ID 715034M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 30th December, 2021, the applicant John Gauci Maistre (ID 33448M) and his wife Ann Marie Gauci Maistre (ID 372959M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order that the means test of the respondent Joseph Zarb (ID 715034M), in terms of Act XXIV of 2021, be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies according to Article1622A of the Civil Code and any regulations that replace them;

2. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent of the premises 11, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema, shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value and to establish new conditions regarding the lease if the case may be.

3. Order and condemn the respondent Joseph Zarb (ID 715034M) start to pay such increased rent in terms of Act XXIV of 2021, with effect from the date of the filing of this application;

4. Order that if the respondent does not satisfy the criteria of the income of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

Rikorrenti: John Gauci Maistre, K.M. 147/1, Triq Santa Luċija, Il-Belt Valletta

Intimat: Joseph Zarb, 11, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema
L-Awtorità tad-Djar

Ir-Rikors fl-ismijiet John Gauci Maistre et vs Joseph Zarb et, Rikors numru 1152/2021LC, jinsab differit għas-7 ta' Ottubru, 2022, fl-10.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: John Gauci Maistre, K.M. 147/1, Triq Santa Luċija, Valletta

Respondent: Joseph Zarb, 11 Triq San Vinċenz, Tas-Sliema
Housing Authority

The Application in the names John Gauci Maistre et vs Joseph Zarb et, Application number 1152/2021LC, has been postponed for hearing to the 7th October, 2022, at 10.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1552

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-12 ta' Awwissu, 2022, fuq talba ta' Pullicin ConBrincks Ltd ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Giuseppe La Mastra, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 330/2022AD, fl-ismijiet Pullicin Developers Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' April, 2022, fl-ismijiet Pullicin ConBricks Ltd (C91893) vs Kuraturi Deputati biex jidhru u jiddefendu fl-interess tal-assenti Gaetano Giuseppe La Mastra, fejn ir-rikorrenti Pullicin ConBricks Ltd (C91893) talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara għar-raġunijiet premessi illi l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' €137,728.68;

2. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €137,728.68.

Bl-imgħax legali applikabbli

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Pullicin ConBricks Ltd, Pullicin Yard, Sqaq iz-Żiemel, Ħandaq Ind. Estate, Ħal Qormi

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 12th August, 2022, following a request of Pullicin ConBricks Ltd it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Gaetano Giuseppe La Mastra, in the records of the Sworn Application 330/2022 AD, in the names Pullicin Developers Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a sworn application, filed, in the Civil Court First Hall, in the names Pullicin ConBricks Ltd (C91893) vs Deputy Curators to represent and defend the interests of the absent Gaetano Giuseppe La Mastra, on the 12th April 2022, the applicant Pullicin ConBricks Ltd (C91893) requested this Honourable Court to:

1. Declare for the reasons premised that the respondent is debtor of the applicant company in the amount of €137,728.68;

2. Order the respondent to pay the applicant the amount of €137,728.68.

With applicable legal interest

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: Pullicin ConBricks Ltd, Pullicin Yard, Sqaq iż-Żiemel, Ħandaq Ind. Estate, Ħal Qormi

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 12 ta' Awwissu, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Joseph R. Micallef, LLD, Doctor of Laws.

Today 12th August, 2022

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1553

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-8 ta' Awwissu, 2022, fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Eucharist Bajada, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 697/2022AF, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Diane Busuttil ġja Bajada u Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Diane Busuttil ġja Bajada (KI 267167M) u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Eucharist Bajada (KI 375069M), fit-2 ta' Awwissu, 2022, ir-rikorrenti HSBC Bank Malta plc talab bir-rispett u l-Avukat Ralph Agius Fernandez (KI 565688M) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà debitament awtorizzat u bil-ġurament tiegħu jikkonferma sabiex din l-Onorabbli Qorti:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 8th August, 2022, following a request of HSBC Bank Malta plc it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of the late Eucharist Bajada, in the records of the Sworn Application 697/2022AF, in the names HSBC Bank Malta plc vs Diane Busuttil previously Bajada and Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Diane Busuttil previously Bajada (ID 267167M) and deputy curators to represent the unknown heirs of Eucharist Bajada (ID 375069M), on the 2nd August, 2022, the applicant company HSBC Bank Malta plc requested with respect and Advocate Ralph Agius Fernandez (ID 565688M) for and on behalf of the same company duly authorised confirmed on oath so that this Honourable Court:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' €467,390.49 dovuti lill-Bank esponenti;

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jħallsu solidalment bejniethom lill-Bank attur s-somma ta' €467,390.49 u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mill-1 ta' Lulju, 2022, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Ġunju, 2019, u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 697/2022AF fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Diane Busuttil et noe jinsab differit għat-18 ta' Jannar, 2023, fid-9.00 a.m.

Attur: HSBC Bank Malta plc, 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Konvenuti: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiz-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija biex xhieda tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 8 ta' Awwissu, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

1. Declare that the defendants are the Bank's joint and several debtors in the amount of €467,390.49 due to the applicant Bank;

2. Condemn and order the defendants to pay in solidum between them to the applicant bank the amount of €467,390.49 and this besides the legal interest with the rate of 8% per annum from the 1st July, 2022, till the date of effective payment.

With costs including those of the judicial letter dated 25th June, 2019, and the garnishee order filed together with this application against the defendants, who are hereby being called upon to testify by reference to their oath.

The sworn application number 697/2022AF in the names HSBC Bank Malta plc vs Diane Busuttil et noe is postoned for hearing on the 18th January, 2023, at 9.00 a.m.

Applicant: HSBC Bank Malta plc, 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Respondents: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Mark Chetcuti, LLD, Doctor of Laws.

Today 8th August, 2022

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1554

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Banns for Curators

Republic of Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn dan il-Bord , fid-19 ta' Awwissu, 2022, fuq talba ta' Natalina magħrufa bħala Nathalie Muscat et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejjet John Seisun fl-atti tar-Rikors numru 275/2022LC fl-ismijiet Natalina sive Nathalie Muscat et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Natalina magħrufa bħala Nathalie Muscat (KI 121861M), Peter Micallef (KI 493555M), Christopher Caruana (KI 37287M), Michelle Xuereb (KI 0466390M), Denise Caruana (KI 0524692M), Nadya Micallef (KI 99779M), Daniela Galea (KI 100977M), Leone Micallef (KI 678853M), Reuben Caruana (KI 238680M), Kevin Caruana (KI 568378M) u Ruth Vella Caruana (KI 308383M), qua eredi tad-defunt Giuseppe sive Joseph Micallef (KI 40124M) vs John Seisun (KI 811053M), fid-29 ta' Marzu, 2022, ir-rikorrenti Natalina magħrufa bħala Nathalie Muscat (KI 121861M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jgħaddi u jiddeċiedi u jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża b'applikazzjoni tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara li l-intimat John Seisun naqas milli jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tiegħu tal-kirja u ċjoè li jħallas il-kera fil-ħin puntwali u li jirrisjedi fil-mezzanin u jżommu fi stat tajjeb, stante li huwa abbanduna l-mezzanin sa mis-sena 2001;

3. Jiddikjara xolta l-kirja u konsegwentement jordna t-terminazzjoni tal-kirja;

4. Jordna l-iżgumbrament tal-intimat John Seisun mill-mezzanin numru 96, Triq San Mikiel, illum Triq Pietru Pawl Caruana, Cospicua, inkluż kull effetti mobbli li jistgħu jinstabu fl-imsemmi mezzanin, bl-awtorizzazzjoni lir-rikorrenti li jekk jinstabu tali effetti mobbli huma jkunu jistgħu jiddisponu minnhom bl-aħjar mod kif jidhrilhom huma, u sabiex ir-rikorrenti jkunu awtorizzati sabiex jiżgassaw il-bieb tal-mezzanin u jibdlu s-serratura tal-mezzanin inkwistjoni huma stess.

B'riserva ta' kwalsijasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatti kif fuq dikjarati, inklużi danni ulterjuri naxxenti mill-okkupazzjoni tal-fond inkwistjoni daparti tal-intimat John Seisun u kull ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni illegali mis-sena 2001 sad-data tas-sentenza tal-Bord.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura, inklużi tal-ittra legali u bl-inġunzjoni tal-intimat John Seisun in subizzjoni, flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data ta' din il-kawża

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Board, on the 19th August, 2022, following a request of Natalina known as Nathalie Muscat et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the vacant inheritance of John Seisun in the records of the Application 275/2022LC, in the names Natalina sive Nathalie Muscat et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the Rent Regulation Board, in the names Natalina known as Nathalie Muscat (ID 121861M), Peter Micallef (ID 493555M), Christopher Caruana (ID 37287M), Michelle Xuereb (ID 0466390M), Denise Caruana (ID 0524692M), Nadya Micallef (ID 99779M), Daniela Galea (ID 100977M), Leone Micallef (ID 678853M), Reuben Caruana (ID 238680M), Kevin Caruana (ID 568378M) and Ruth Vella Caruana (ID 308383M), as heirs of the late Giuseppe sive Joseph Micallef (ID 40124M) vs John Seisun (ID 811053M) filed on the 29th March, 2022, the applicants Nathalina known as Nathalie Muscat (ID 121861M) et requested so that this Honourable Board:

1. Proceed to decide this case without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondent John Seisun has failed to fulfill his obligation of the lease and to pay the rent on time and to reside in the mezzanine and keep it in good condition, given that he has abandoned the mezzaine until from the year 2001;

3. Declare the lease dissolved and consequently order the termination of the lease;

4. Order the eviction of the respondent John Seisun from the mezzanine number 96, Triq San Mikiel today Triq Pietru Pawl Caruana, Cospiuca, including any movable effects that can be found in the said mezzanine with the authorisation to the applicants that if they found such movable effects they will be able to dispose of them in the best way they see fit, and so that the applicants are authorised to forceable open the door of the mezzanine and change the lock of the mezzanine in question themselves.

With reservation of any other action pending to the applicants arising from the facts as stated above, including further damages arising from the occupation of the property in question by the respondent John Seisun and any payment of compensation for the illegal occupation from the year 2001 until the date of the Board's judgement.

With costs of this procedure, including the legal letter and from now the respondent John Seisun is summoned so that a reference to his oath be made, together with legal

kontra l-intimat John Seisun li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors fl-ismijiet Natalina sive Nathalie Muscat vs John Seisun, Rikors numru 275/2022LC, jinsab differit għall-10 ta' Ottubru, 2022, fl-9.50a.m.

Rikorrenti: Natalina sive Nathalie Muscat, 304, Madonnina, Triq il-Linja, Ħ'Attard

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Bord tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Bord.

Mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Maġistrat Leonard Caruana, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 19 ta' Awwissu, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Application in the names Natalina sive Nathalie Muscat et vs John Seisun, Application number 275/2022LC, has been postponed for hearing to the 10th October, 2022, at 9.50 a.m.

Applicant: Natalina sive Nathalie Muscat, 304, Madonnina, Triq il-Linja, Ħ'Attard

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Board will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in th execution of these banns, you are to inform forthwith this Board.

Given by the Rent Regulation Board, above mentioned, with the witness of the Hon. Magistrate Leonard Caruana, LLD, Doctor of Laws.

Today 19th August, 2022

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1555

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Lulju, 2022, fuq talba ta' Michael Borg ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti minn Malta u/jew l-eredi mhux magħrufa tal-mejta Carmela Demarco fl-atti tal-Ittra Uffiċjali numru 3152/2022 fl-ismijiet Michael Borg et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 28th July, 2022, following a request by Michael Borg et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent from Malta and/or the unknown heirs of Carmela Demarco in the acts of the Judicial Letter number 3152/2022 in the names Michael Borg vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-26 ta' Lulju, 2022, ta' Michael Borg (KI 571081M) u Maria Ludgarda Borg (KI 744047M) kif ukoll Maria Calleja (KI 560043M), Stefano sive Stephen Demarco (KI 13150M), Patrick Demarco (KI 501463M), George Demarco (KI 0172542M) u wliedu Daniel Demarco (KI 288777M), Alexandra sive Sandra Mifsud (passaport Awstraljan numru PA8013696) u Louisa Jelavic (liċenzja Awstraljana numru 1740DZ) kontra Kuraturi Deputati sabiex jirrapprżentaw lill-assenti minn Malta u/jew lill-eredi mhux magħrufa tal-mejta Carmela Demarco (KI 532791M) fejn permezz tal-preżenti l-atturi jagħmlu referenza għall-wirt ta' Carmela Demarco (KI 532791M) li mietet fid-19 ta' Ottubru, 2021.

Illi Carmela Demarco rregolat il-wirt tagħha permezz ta' żewġ testmenti u ċjoè l-ewwel testment ippubblikat fl-atti tan-Nutar Carmelo Gafà datat l-1 ta' Ottubru, 2009, u t-tieni testment fl-atti tan-Nutara Angele Rapa datat 19 ta' Settembru, 2017. Illi ai termini ta' dawn it-testmenti msemmija, it-testattriċi Carmela Demarco ħalliet diversi legati fosthom favur il-mittenti, liema legati huma validi skont inter alia l-artikolu 704(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-intimati huma l-eredi universali nominati minn Carmela Demarco bħala werrieta tagħha. Illi l-mittenti jirrilevaw li minkejja li huma provaw kemm-il darba jagħmlu kuntatt mal-intimati u/jew ma' uħud minnhom sabiex jersqu għal ħlas tal-legati skont il-liġi, l-intimati baqgħu għal kollox inadempjenti.

Għaldaqstant, il-mittenti qegħdin jinterpellaw lill-intimati sabiex fi żmien għaxart ijiem min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, jersqu sabiex iħallsu lill-mittenti dak li huwa dovut lilhom mill-wirt tal-imsemmija Carmela Demarco. Fin-nuqqas, il-mittenti sejrin jipproċedu ulterjorment skont il-liġi sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom kif għandhom kull dritt li jagħmlu inkluż billi joħorġu dawk il-mandati opportuni. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet fuq dawk il-legati dovuti lill-mittenti mid-data tal-mewt ta' Carmela Demarco sal-pagament effettiv.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat ukoll bil-lingwa Ingliża għal finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rikorrenti: Michael Borg u Maria Ludgarda Borg, 22 Summer Street, Il-Mosta

Maria Calleja u Stefano sive Stephen DeMarco, Patrick Demarco, George Demarco u Daniel Damarco, Alexandra sive Sandra Mifsud u Louisa Jelavic

Intimati: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 26th July, 2022, by Michael Borg (ID 571081M) and Maria Ludgarda Borg (ID 744047M) and also Maria Calleja (ID 560043M), Stefano sive Stephen Demarco (ID 13150M), Patrick Demarco (ID 501463M), George Demarco (ID 0172542M) and his children Daniel Demarco (ID 288777M), Alexandra sive Sandra Mifsud (Australian passport number PA8013696) and Louisa Jelavic (Australian licence number 1740DZ) against deputy curators to represent the absent from Malta and/or the unknown heirs of the late Carmela Demarco (ID 532791M) who died on the 19th October, 2021, the interpellants make reference to the inheritance of Carmela Demarco (ID 532791M) who died on the 19th October, 2021.

That Carmela Demarco regulated her inheritance by means of two wills, the first will published in the acts of Notary Carmelo Gafà dated 1st October, 2009, and the second will in the acts of Notary Angele Rapa dated 19th September, 2017. In terms of the said two wills, the testator Carmela Demarco left several legacies, among them in favour of the interpellants which legacies are valid according to inter alia article 704(1) of Cap. 16 of the Laws of Malta.

That the respondents are the universal heirs nominated by Carmela Demarco as her heirs. That the interpellants purport, that although they tried many times to contact the respondents and/or some of them in order to pay the legacies in accordance with the law, the respondents remained completely in default.

Therefore, the senders demand that the respondents approach and pay them what is owed to them from Carmela Demarco's inheritance and this within ten days of notification of this judicial letter. Failing this, the senders will proceed further in accordance to law, in order to safeguard their rights as they have every right to do so, including by issuing all appropriate warrants. With costs and interest on these legacies due to the senders from the date Carmela Demarco demise, until effective payment.

The letter is also being sent in the English language for all intents and purposes at law.

Interpellant: Michael Borg and Maria Ludgarda Borg – 22 Summer Street, Mosta

Maria Calleja and Stefano sive Stephen DeMarco, Patrick Demarco, George Demarco and Daniel Damarco, Alexandra sive Sandra Mifsud and Louisa Jelavic.

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to

lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 28 ta' Lulju, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Mark Chetcuti, LLD, Doctor of Laws.

Today 28th July, 2022

Registry of the Superior Courts, today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1556

B'digriet tat-22 ta' Awwissu, 2022, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni (Kap. 12)

B'nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Jannar, 2022, minn BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C41030) qed jitlob illi jidħol bħala kreditur eżekutant ieħor fl-atti tas-subbasta numru 49/2021 fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Keith Perry (KI 12072M) ai termini tal-Artikolu 346 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proċedura Kap. 12 tal-Liġijiet u dan peress illi s-soċjetà tinsab kreditriċi ta' Keith Perry fis-somma ta' ħamest elef, seba' mitt ewro u tliet ċenteżmi (€5,700.03) oltre l-ispejjeż, spejjeż bankarji u l-imgħaxijiet mit-18 ta' April, 2012, sad-data tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla, illum il-Ħamis, l-1 ta' Settembru, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree of 22nd August, 2022 given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By a note filed in the Civil Court, First Hall on 6th January, 2022, BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc (C41030) is asking to enter as another execution creditor in the judicial sale number 49/21 in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Keith Perry (ID12072M) in terms of Article 346 of the Code of Organisation and Civil Procedure Cap. 12 of the Laws and that since the society is a creditor of Keith Perry in the sum of five thousand and seven hundred euro and three cents (€5,700.03) with costs, bank fees and further interests from the 18th April, 2012, until the date of effective payment.

Registry of the Civil Court First Hall, today the Thursday, 1st September, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1557

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Awwissu, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2363/2021, fl-ismijiet Fair View Property Limited vs Monarch Holdings Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi

By means of a decree of the 9th August, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 2363/2021 in the names Fair View Property Limited vs Monarch Holdings Limited et, ordered the following

ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Monarch Holdings Limited a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum, 9 ta' Ġunju, 2021

Lil: Monarch Holdings Limited (12484) ta' 13-19, Triq St Albert, Il-Gżira GZR 1157

Dr Martin Fenech u PL Quentin Tanti bħala kuraturi deputati nominati permezz ta' digriet tat-28 ta' April, 2022, sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjacenti ta' Adrian Busietta

John Ripard & Son Limited

Tanya Chetcuti

Permezz tal-preżenti, is-soċjetà Fair View Property Limited (C37844) ta' 1A, Triq Wied Għomor, San Ġiljan, qiegħda tinterpella lilkom jew lil minn minnkom sabiex fi żmien perjodu massimu ta' ħmistax-il (15) ġurnata mid-data tan-notifika tal-preżenti att ġudizzjarju, inti tħallasha s-somma ta' €12,578.62 rappreżentanti l-ħlas taċ-ċens dovut għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2010 sal-31 ta' Diċembru, 2021, għall-appartament bin-numru 608, Villa Esmeralda, f'Busietta Gardens, ġewwa l-Madliena, limiti tas-Swieqi.

Intom avżati illi, fin-nuqqas li titħallas l-imsemmija somma fiż-żmien lilkom konċess, is-soċjetà mittenti sejra tistitwixxi minnufih il-proċeduri ġudizzjarji kollha opportuni kontra tagħkom, inkluż għat-terminazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika u għall-iżgumbrament tagħkom jew minn minnkom mill-fond hawn fuq indikat, mingħajr ebda preavviż ieħor.

Din l-interpellanza qiegħda ssirilkom, inter alia, għal fini tal-Artikolu 1519 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi arretrati oħra li jistgħu jkunu dovuti minnkom jew minn minnkom.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom fi żmien utili.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th June, 2021

To Monarch Holdings Limited (12484) of 13-19, Triq St Albert, Gżira GZR 1157

Dr Martin Fenech and PL Quentin Tanti as deputy curators nominated by means of a decree of the 28th April, 2022, to represent the vacant inheritance of Adrian Busietta

John Ripard & Son Limited

Tanya Chetcuti

By means of this present, the company Fair View Property Limited (C 37844) of 1A, Triq Wied Għomor, St Julian's, is soliciting you or any one of you that within the maximum time of fifteen (15) days from the date of notification of this judicial act, you pay the amount of €12,578.62 representing the payment of groundrent due for the period of 1st January, 2010 till 31st December, 2021, for the apartment with number 608, Villa Esmeralda, in Busietta Gardens, in Madliena limits of Swieqi.

You are warned, that in default of payment of the amount due within the time given, the interpellant company will immediately file all the opportune judicial procedures including for the termination of the emphyteutical concession and for your eviction, or of any one of you, from the premises above mentioned, without further notice.

This solicitation is made, inter alia, for all the purposes of Article 1519 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) and without prejudice to any other arrears that may be due by you or any one of you.

So much for your own guidance.

With costs

Registry of the Superior Courts today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1558

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-Ittra Uffiċjali numru 2344/2019, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs John Falzon et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree of the 15th October, 2021, in the records of the Judicial Letter number 2344/2019, in the names HSBC Bank Malta plc vs John Falzon et, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication

konfront tal-intimati John Falzon u Romina Falzon a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 25 ta' Ġunju, 2019

Lil John Falzon (KI 227071M) u Romina Falzon (KI 337574M) ta' 57, Tomjim, Flt 2, Triq Patri Ġużepp Calleja, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievu din l-ittra intom tħallsu s-somma ta' €44,358.24 rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €23,865.02 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €20,494.22 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sad-29 ta' Mejju, 2019, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 016-025108-340, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Flexi Loan mill-bank mittent u aċċettata minnek oltre l-imgħax mit-30 ta' Mejju, 2019, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma intom għalkemm repetutatment interpellati biex tħallsu inqastu milli tagħmlu dan.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġu żmien itwal għall-ħlas b'rata mensili, intom tistgħu tammettu d-dejn tagħkom mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ intom mitlubin illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievu din l-ittra tavżaw lill-Bank u tqabbdu nutar.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr ebda' preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

for the purpose of effecting service on the respondents John Falzon and Romina Falzon in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 25th June, 2019

To John Falzon (ID 227071M) and Romina Falzon (ID 337574M) of 57, Tomjim, Flt 2, Triq Patri Ġużepp Calleja, St Paul's Bay

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €44,358.24 representing as for the amount of €23,865.02 as the capital sum and as for €20,494.22 as the interest accrued on the capital till the 29th May, 2019, which amount is due on the account number 016-025108-340, which amount was duly given to you by the facility Flexi Loan by the interpellant Ban and accepted by you besides the interest from the 30th May, 2019, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital from the date of this letter till the date of effective payment, which amount although repeatedly solicited you remained in default of payment.

To avoid useless Court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you néed more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs

Registry of the Superior Courts today, 2nd September 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1559

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 39/2022, fl-ismijiet Grenke Renting Limited vs Portem Tourism Ventures

By means of a decree of the 15th July, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 39/2022 in the names Grenke Renting Limited vs

Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Portem Tourism Venutres Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum, 22 ta' April, 2022

Lil: Portem Toursim Ventures Limited ta' 55, Triq it-Teatru l-Antik, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti, Grenke Renting Limited (C57282) ta' Level 6, Tagliaferro Business Centre, Gaiety Lane c/w High Street, Tas-Sliema, tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn (2) mid-data tan-notifika ta' dan l-att tħallsu lill-mittenti s-somma kumplessiva ta' €33,963.20 rappreżentanti €429.04 bilanċ dovut għal kambjal imħallsa in parte, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. GR1 u l-valur ta' 53 kambjala lkoll datati 14 ta' Lulju, 2020, fl-ammont ta' €632.72 kull kambjala, liema kambjali baqgħu ma tħallsux (kopji tal-kambjali hawn annessi u mmarkati bħala Dok. GR2 sa Dok. GR54).

Permezz tal-preżenti l-mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dana ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi intom qegħdin tiġu nformati illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt li topponu għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali billi tippreżentaw ir-rikors opportun skont il-liġi fi żmien 20 jum mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Fin-nuqqas li taderixxu ma' din l-intimazzjoni l-mittenti se tgħaddi għall-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tat-terminiazzjoni tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Settembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Portem Tourism Ventures Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company Portem Tourism Ventures Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 22nd April, 2022

To Portem Tourism Ventures Limited of 55, Old Theatre Street, Valletta

By means of this present, Grenke Renting Limited (C57282) of Level 6, Tagliaferro Business Centre, Gaiety Lane c/w High Street, Tas-Sliema, solicits you so that within two (2) days from the notification of this act you pay the interpellant the total amount of €33,963.20 representing as for €429.04 being the balance due from a bill of exchange paid in part, here attached and marked as Doc. GR1, and the value of 53 bills of exchange all dated 14th July, 2020, in the amount of €632.72 for each bill of exchange, which bills of exchange are still not paid (copy of the bills of exchange here attached and marked as Doc. GR2 to Doc. GR54).

By means of this present, the interpellant is rendering executable its executive title here indicated and this in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all the purposes and effects of law you are being informed that in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by filing the opportune application according to law within 20 days from the notification of this act.

If you fail to abide with this solicitation the interpellant will proceed with the execution of its executive title and this in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is requested in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs and interest from the date of termination of the contract till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts today 2nd September, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1560

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Jannar, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2549/2021, fl-ismijiet Rennie Azzopardi noe vs Trend

By means of a decree of the 26th January, 2022, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2549/2021 in the names Rennie

Ventures Coop Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Trend Ventures Coop Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 30 ta' Settembru, 2021

Lil Trend Ventures Coop Ltd (C103) ta' 706, Madliena Village, Triq il-Fortizza, Il-Madliena

